KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 16**

**L-Erbgħa, 11 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Is-Sur Johann Borg — Kunsillier

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**
Is-Sur Jordy Brincat — Segretarju Eżekuttiv
Dr Alessia Psaila Zammit — Contracts Manager

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 16.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**16.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 16.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 15)

**16.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 15.

**16.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Karel Zahra, il-minuti ta' seduta 15 ġew approvati unanimament.

## 16.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

*Hawnhekk ingħaqdet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**16.03.01** *Bażi tal-concrete għall-arblu tar-roundabout ta' San Ġorġ*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li rċivejna 3 kwotazzjonijiet sabiex issir bażi tal-concrete għall-arblu li se jitwaħħal fir-roundabout ta' San Ġorġ. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, mingħand il-kuntrattur tagħna, li tammonta għal €3,147.41. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**16.03.02** *Materjal għall-installazzjoni ta' sistema elettrika ġdida fl-uffiċċju*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li billi se tinbidel is-sistema tal-elettriku tal-binja tal-Kunsill, inġabru 3 kwotazzjonijiet għall-materjal, peress li min se jagħmlilna x-xogħol diġà sibnieh. L-irħas kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €961.90. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**16.03.03** *2 plakek taċ-ċeramika għall-isem tat-triq il-ġdida*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li billi se tissemma triq ġdida għall-mibki Eks Sindku Joseph Farrugia 'Ir-Riki' se jitwaħħlu 2 plakek taċ-ċeramika bl-isem tat-triq mingħand l-istess supplier li ħdimna miegħu diġà, għalhekk inġabret kwotazzjoni waħda. Il-kwotazzjoni tammonta għal €113.28 għaż-żewġ plakek. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li hemm diversi toroq li jeħtieġu plakka mill-ġdid u għalhekk issuġġerixxa li ngħaqqduhom ma' dawn biex b'hekk l-ammont ikun jista' jiġi orħos. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li għalissa se nġibu dawn it-tnejn billi huma urġenti, u l-kwotazzjoni għall-bqija tat-toroq se tinġabar u titla' fis-seduta li jmiss. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni u l-kwotazzjoni.

**16.03.04** *310 bozoz għall-festun tax-xatt tal-Qajjenza*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-bozoz tal-festun tax-xatt. Inġabru 3 kwotazzjonijiet u l-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €396.80. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**16.03.05** *Servizz ta' accountant:* Is-Sindku Scott Camilleri semma li waslet it-talba mingħand l-accountant sabiex jiġġedded is-servizz għal dan il-perjodu. Din l-ispiża se tiġi tiswa €4,800 għal sena, mal-istess kumpanija li qed tipprovdilna dan is-servizz fil-preżent. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**16.03.06** *Servizz marbut mas-sistema tal-payroll:* Is-Sindku Scott Camilleri semma li waslet it-talba mingħand il-kumpanija tas-sistema tal-payroll sabiex jiġġedded is-servizz għal dan il-perjodu. Dan jiswa €100 fix-xahar. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 16.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**16.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab biex tinstab data sabiex jiġu diskussi xi affarijiet relatati mal-festa bħal permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet, gabbani, etċ. qabel jiltaqgħu mal-għaqdiet u l-pulizija. Id-data maqbula għal din il-laqgħa hija t-Tnejn, 16 ta' Ġunju. Ġie deċiż li l-gabbani jinħareġ permess għal erbat ijiem; il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt, u l-Ħadd, filwaqt li tal-imwejjed u s-siġġijiet jinħareġ permess għal ġimgħa sħiħa.

**16.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fis-27 ta' Ġunju se joħroġ avviż uffiċjali fuq il-gazzetta tal-gvern li Triq il-Port Ħieles se tinbidel għal Triq Joseph Farrugia 'Ir-Riki'. Huwa qed jikkordina ma' Identità Malta sabiex iġibu satellite office jew rappreżentanti tagħhom biex ir-residenti ta' dik it-triq ikollhom il-possibbiltà li jdawru l-karta tal-identità mill-ewwel. Qal li jekk dan ma jkunx possibbli, bi ftehim mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, se jiġi organizzat trasport għar-residenti sabiex jiġbru l-karti tal-identità.

**16.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħti aġġornament fuq ix-xogħlijiet tax-xatt. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li x-xogħol ingħalaq għalissa u se jkompli f'Ottubru. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob għal laqgħat urġenti mal-kuntrattur u l-inġiniera sabiex niżguraw li x-xogħol jibda fil-bidu t'Ottubru. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li fir-rigward ta' Triq Birżebbuġa għad hemm problema minħabba l-istorm water culverts. Semma li qed isiru detections sabiex l-ilma jinqaleb għal Triq Żaren Dalli. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li bħalissa għaddej xogħol f'diversi siti madwar Birżebbuġa sabiex jiġu installati pilastri tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Qal ukoll li x-xogħol fuq il-culvert tal-ilma tax-xita fi Triq Tal-Ġebel se jibda fil-ġimgħat li ġejjin sabiex jitlesta qabel ix-xitwa li ġejja. Huwa semma wkoll li bejn issa u Ottubru l-Kunsill Lokali se jkun qed jagħmel pressjoni fuq Infrastructure Malta biex isiru għadd ta' toroq u biex dawn jitlestew qabel ma jerġa' jibda x-xogħol fil-Bajja s-Sabiħa. Dawn jinkludu Triq iż-Żurrieq, Triq San Edwardu u Triq San Tumas.

**16.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar jiem seħħ inċident ikrah ġewwa l-bajja ta' Birżebbuġa. Huwa qara r-rapport mibgħut mill-pulizija tal-komunità lill-kunsilliera preżenti. Fost l-affarijiet li kien jinkludi r-rapport issemma li l-ambulanza sabet diffikultà biex iddawwar billi kien hemm ammont kbir ta' vetturi pparkjati u li mhux suppost kienu qegħdin hemm għax il-permess biex wieħed jieqaf hemm huwa għal tqassim ta' xogħol biss. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Ivan Abela Grech sabiex idur il-lista ta' residenti u jimmarka min għandu karozza fil-garaxx. Għalhekk, min m'għandux karozza fil-garaxx mhux se jkollu permess li jinżel. Ġie deċiż li short term issir tabella un/loading sal-10am, linji sofor, u keep clear. Un/loading bay se ssir waħda biss u se jsir ukoll health and safety report. Għal medium term isiru cards ġodda. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jiċċekkja mal-kumpanija li xtrajna l-barrier mingħandha jekk għandhomx sistema li meta jkun hemm servizzi t'emerġenza bħal ambulanza, etċ. il-barrier tidentifika l-ħoss u tinfetaħ waħedha.

**16.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar seduta ssemmew xi toroq għar-rilokazzjoni tal-monti. Huwa propona li ssir prova biex il-monti jiġi rilokat madwar il-pjazza ta' Birżebbuġa. Dan se jinkludi Triq il-Kurat Fenech, Misraħ Tal-Pajtier u Triq is-Sajjieda. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

**16.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħti aġġornament fuq 2 laqgħat li kellhom. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li saret laqgħa mal-WasteServ rigward tunnels li issa jinsabu magħluqin. Huwa qal li l-ewwel biċċa se jippruvaw ilestuha fi żmien sentejn u se jsiru wkoll siġar ġodda u se jitwessa' l-passaġġ. L-entratura se tkun mill-car park ta' Għar Dalam għalissa billi t-tieni parti se tkun magħluqa. Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li l-ewwel fażi se jagħmluh ġnien bil-bandli.

**16.04.07** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li lbieraħ kien hemm laqgħa oħra mal-MATS rigward l-ilmenti li qed isiru mir-residenti tan-naħa Tal-Papa fuq l-istorbju tal-ajruplani. Semma li r-rappreżentanti ta' MATS qalulhom li għalkemm l-ajruport għandu 2 runways, tintuża l-aktar dik li hija itwal u usa', u li dejjem ikun hemm l-istess inżul.

## 16.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**16.05.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ tal-ħamiem. Hija ssuġġeriet li bħala Kunsill nikkunsidraw azzjoni ta' tindif intens f'dawn iż-żoni, b'mod speċjali quddiem il-knisja u l-inħawi tal-madwar. Hija staqsiet jekk nistgħux nikkonsultaw ukoll mal-awtoritajiet biex jiġu indirizzati b'mod sostenibbli l-problemi relatati mal-ħamiem. Is-Sindku Scott Camilleri qabel mas-suġġeriment u wieġeb li se jinġiebu stimi għal tindif bil-bowsers għat-toroq li fihom hemm din il-problema. Se nitkellmu wkoll mal-Cleansing sabiex isir tindif aktar frekwenti tat-toroq u l-bankini.

**16.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-bankina ta' Ħal Far. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jiċċekkja mal-awtoritajiet konċernati dwar ix-xogħol li qed isir fi Triq Birżebbuġa, kantuniera ma' Triq Tal-Ġebel. Huwa staqsa jekk nistgħux nitolbu għal informazzjoni dwar x'inhuma dawn ix-xogħlijiet, li ilhom għaddejjin għal bosta ġimgħat, u meta huma mistennija li jintemmu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li għamel talba għall-feedback lil IM.

**16.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-dawl mill-moll tal-pilots. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax ikellem lill-awtoritajiet konċernati biex jiġi rranġat il-floodlight minn arja tal-moll tal-pilots li qed jagħti direttament fuq id-djar tar-residenti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li rridu nibagħtu rapport uffiċjali dwarha.

**16.05.04** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech ressaq mistoqsija dwar il-permessi u l-parkeġġi riservati fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa semma li hemm diversi persuni li għandhom aktar minn aċċess wieħed għall-użu tax-xatba ta' faċċata tal-każin tal-Labour. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din ġiet diskussa iktar qabel fil-laqgħa fis-sezzjoni tal-komunikazzjoni mis-Sindku.

## 16.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**16.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Mejju 2025.

**16.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li din is-sena hemm 5 persuni assenjati mal-Kunsill; 1 fuq ġewwa u 4 fuq barra. Dis-sena wkoll hemm 2 ħaddiema manwali li se jilħqu l-età tal-irtirar, u għalhekk se nispiċċaw b'2 ħaddiema biss fuq barra. Ġie deċiż li ssir talba lid-dipartiment sabiex jipprovdulna l-ħaddiema.

**16.07 Korrispondenza**

**16.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza rigward Triq Dun Ġorġ Zammit, fejn ir-residenti għamlu petizzjoni billi hemm numru ta' problemi f'din it-triq. Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana tkellmu ma' IM sabiex din it-triq tingħata t-tarmak fil-parti fejn m'hemmx. Hemm parti fejn tħalla xi imbarazz mill-kuntrattur u għalhekk irid isir rapport min-naħa tal-konsulent ambjentali tal-Kunsill. Semma wkoll li wara li jsir il-konkos iridu jiġu organizzati l-parking bays. Il-ġnien tal-istess triq se jsirlu t-tindif neċessarju u se jiġi rranġat. Il-Kunsilliera Maria Mifsud se tkellem il-kuntrattur sabiex jibda x-xogħlijiet meħtieġa.

**16.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kienet daħlet korrispondenza rigward kumpens għal ħsara ta' tyre. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li kien daħal ilment mingħand persuna li qasmet it-tyre fi Triq Għar Hasan. Huwa semma li l-persuna ma kinitx preżentat id-dokumenti kollha mitluba. Billi l-Kunsill kien ħoloq sottokumitat tal-claims, huwa talab suġġeriment jekk jintużax dan is-sottokumitat biex jara jekk dil-persuna għandhiex raġun jew le, jew inkella dan l-ilment jgħaddi lill-avukat tal-Kunsill. Il-persuna li għamlet dan l-ilment talbet li l-Kunsill għandu jħallas għall-ispejjeż tal-affidavit, iżda wara diskussjoni l-Kunsill ma qabilx li jħallas hu iżda bħal ma jsir dejjem iħallas min qed jitlob il-kumpens. Għalhekk ġie deċiż li hekk kif dil-persuna tippreżenta l-affidavit, dan l-ilment jerġa' jitla' seduta.

**16.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna mingħand UTV, li dawn mhux biss jittrasmettu l-festi kollha li jiġu ċelebrati f'Malta u Għawdex, iżda wkoll jipprovdu servizz lill-anzjani u l-morda li ma jistgħux joħorġu minn djarhom, jew li jinsabu rikoverati ġewwa dar tal-anzjani etċ. Dawn qed jitolbu kontribuzzjoni ta' €100 jew aktar sabiex ikunu jistgħu jkopru parti mill-ispejjeż tax-xandiriet tal-festa mil-lokalità. Il-kunsilliera preżenti qablu li ssir din il-kontribuzzjoni sabiex jixxandru features mill-festa tal-lokalità.

**16.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għat-tieni darba daħlet it-talba sabiex jerġgħu jsiru l-Island Games is-sena d-dieħla. Id-dati se jkunu 15, 16 u 17 ta' Mejju 2026. L-armar se jsir fl-10, 11, 12, 13 u 14 ta' Mejju, u ż-żarmar se jsir fit-18 ta' Mejju. Għad-darba li ġejja dawn mhumiex se jħallsu għall-permessi però dawn iridu jagħmlu CSR mal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa dwar x'tip ta' kumpens se nitolbuhom. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-persuna li bagħtet din it-talba. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-Island Games jerġgħu jsiru wara li jkun preżentat CSR lejn il-lokalità.

**16.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet talba għal no objection billi ħa jsir proġett bl-isem ta' 'Coastal Commons' minn grupp ta' voluntiera mis-17 sas-27 ta' Ġunju fiż-żona ta' San Ġorġ. Il-kunsilliera preżenti ma sabux oġġezzjoni li jsir dan il-proġett.

**16.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza sabiex jiġġedded il-permess tal-bouncy castle li jintrama kull sena x-xatt. Il-persuna li għamlet it-talba bagħtet ir-risk assessment flimkien mad-dokumenti mitluba bħal insurance, trade certificate, etċ. Ġie maqbul li fit-termini u l-kundizzjonijiet irid jiġi mniżżel li meta jżarma l-bouncy castle jrid jieħu ħsieb li jżarma kollox, inkluż l-imsiemer li jorbot magħhom. Il-kunsilliera preżenti qablu li dan il-permess jerġa' jiġġedded.

**16.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza li l-lukanda li hemm fil-bajja f'Misraħ is-Summit, applikat għal estensjoni fuq l-arja tal-bini biswitha bl-istess għoli. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan ladarba ma jidhirx li hemm ksur ta' liġi.

**16.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna risposta mingħand il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq fejn fis-27 ta' Ġunju se toħroġ uffiċjalment li parti minn Triq il-Port Ħieles se ssir Triq Joseph Farrugia 'Ir-Riki'. Rigward it-tismija tal-isqaqien intbagħtet ittra lill-Għaqda Storja u Kultura, però s'issa għad ma kellniex rispons. Il-Kunsillier Karel Zahra se jerġa' jibgħat tfakkira.

**16.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li llum se titressaq mozzjoni li kiteb huwa flimkien mal-Kunsillier Karel Zahra rigward il-proposta għall-għawm taż-żwiemel wara li rċivejna korrispondenza mis-Sailing Club ta' Birżebbuġa, fejn dawn talbu biex l-inżul taż-żwiemel ma jibqax isir hemm. Il-Kunsillier Karel Zahra spjega li ltaqa' mal-membri tal-klabb u propona li l-inżul taż-żwiemel isir bil-ħin, iżda dawn ma qablux.

## 16.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**16.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri, f'ismu u f'isem il-Kunsillier Karel Zahra, tella' l-mozzjoni 02/25 dwar proposta għall-għawm taż-żwiemel. Għal numru ta' snin il-Kunsill Lokali ilu jfittex li jkollu post fejn iż-żwiemel ikunu jistgħu jgħumu b'mod legali, sigur u mingħajr ma jfixklu attivitajiet oħra li jsiru fil-bajjiet tagħna. Wara diskussjonijiet ma' persuni konċernati qed tiġi proposta żona ħdejn is-slipway viċin il-monument tat-tmiem tal-Gwerra Bierda, suġġett għall-approvazzjoni tad-Direttorat għas-Saħħa Pubblika sabiex din iż-żona żgħira ma tibqax tiġi kunsidrata bħala waħda għall-għawm.

Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, il-Kunsillier Karel Zahra u s-Sindku Scott Camilleri qablu bejniethom li jirtiraw il-mozzjoni hekk kif imressqa. Min-naħa l-oħra qed jiġi propost li l-għawm għaż-żwiemel isir darba fil-ġimgħa (nhar ta' Sibt) bejn is-06:00 u s-06:45 fis-sajf biss ġewwa Wied il-Buni, bil-kundizzjoni li jsir tindif skont il-liġi.

## 16.09 Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti BLC/T/01/2025 – BLC/T/02/2025

**16.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm l-evalwazzjonijiet tat-tender BLC/T/01/2025 relatat mal-car park. Huwa semma li għal tal-car park daħlet sottomissjoni waħda, li tammonta għal €36,000 għal sena. Wara li ġew verifikati d-dokumenti u li kollox huwa skont il-liġi, dan it-tender ġie approvat unanimament.

**16.09.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li dwar l-evalwazzjonijiet tat-tender BLC/T/02/2025 relatat ma' xiri ta' photocopier ġdida għadu qed jiġi aġġudikat.

**16.10 Attivitajiet u Skemi**

**16.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju se jsiru 2 laqgħat. Waħda mar-rappreżentanti tal-monti u l-oħra marbuta mal-festa.

**16.10.02** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar ukoll li fis-16 ta' Settembru se ssir il-quddiesa relatata ma' Jum Birżebbuġa u wara jiġi inawgurat il-mafkar tal-mibki l-Pumpier Joseph Zammit fi Ġnien l-Indipendenza, filwaqt li fl-20 ta' Settembru sseħħ l-attività ta' Jum Birżebbuġa. Ġie maqbul li l-attività ssir fil-ġnien f'Tal-Papa.

**16.10.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ta aġġornament dwar l-iskemi:

1. *SPI/SCI/6/2025 – Espressjoni ta' Interess – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali*
   - Din l-applikazzjoni mhux se tintbagħat billi l-Kunsill ma jistax japplika għal skema jekk ma jkunx ingħalaq il-proġett tas-sena ta' qabel.

2. *SPI/SCI/7/2025 – Espressjoni ta' Interess - Komunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità*
   - Għal din l-iskema hemm allokazzjoni ta' €2 miljun, b'massimu ta' €100,000 kull Kunsill. Il-Kunsill se japplika għal arbli dekorattivi bil-pots għal Triq Żaren Dalli. Il-Kunsillier Alex Caruana se jkellem il-perit ħalli tinħareġ BOQ.

**16.11 Skeda ta' pagamenti u petty cash**

*Skeda ta' pagamenti:*

**16.11.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**16.11.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondat mill-Kunsilliera Rohasia Zammit, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**16.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**16.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |